MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 351/2006

**Avviz numru: 351/06 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Daniel Chircop**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u tnax –il Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM3,312.91,0), bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa Dok. B2), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Ottubru tas-sena 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema Loan**

**gie moghti lill-Konvenut Daniel Chircop permezz ta' applikazzjoni ghal Motor Loan, (Dok. 'A');**

**U dan wara li jigi dikjarat li sehhew wahda mill-grajjiet imsemmija fl-applikazzjoni ghal Motor Loan hawn fuq indikata u cioe Dok. A partikolarment, imma mhux esklussivament billi l-konvenut Daniel Chircop (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija applikazzjoni, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess applikazzjoni sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut Daniel Chircop iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata it-8 ta' Frar tas-sena 2006, (Dok. "C"), u tal-mandat li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Frar tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut Daniel Chircop.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------